



LINJA TA' GWIDA TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tat-18 ta' Diċembru 2006

li temenda l-Linja ta' Gwida BĊE/2005/5 fuq il-ħtiġijiet ta' rappurtar statistiku tal-Bank Ċentrali Ewropew u l-proċeduri għall-iskambju ta' informazzjoni ta' statistika fi ħdan is-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali fil-qasam ta' l-istatistika finanzjarja tal-gvern.

(BĊE/2006/27)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, b'mod partikolari l-Artikolu 5.1 u 5.2, l-Artikoli 12.1 u 14.3,

Billi:

- (1) L-Artikolu 8 tal-Linja ta' Gwida BĊE/2005/5 tas-17 ta' Frar 2005 dwar il-ħtiġijiet ta' rappurtar statistiku tal-Bank Ċentrali Ewropew u l-proċeduri għall-iskambju ta' informazzjoni ta' statistika fi ħdan is-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali fil-qasam ta' l-istatistika finanzjarja tal-gvern¹, fost l-oħrajn, tipprovdli li l-Kunsill Governattiv fuq bażi annwali jirrevedi d-derogi mogħtijin lill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) li ma jistgħux jikkonformaw mal-ħtiġijiet preskritti fl-Artikolu 2 u l-Artikolu 4(1) ta' din il-Linja ta' Gwida.
- (2) Meta japplikaw id-derogi, l-Istati Membri jkollhom bżonn ta' biżżejjed żmien biex jiżviluppaw sorsi tad-*data* rilevanti, u b'hekk l-ewwel data tat-trażmissjoni ta' dawn id-*data* għandha tiġi f'fissata għal żmien meta jkun mistenni li jsiru disponibbli.
- (3) L-Artikolu 2(2) tal-Linja ta' Gwida BĊE/2005/5 jeħtieġ li d-*data* għandhom jiġu rrapportati mill-BĊNi lill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) biex ikun kopert il-perijodu mill-1991 sas-sena li magħha għandha x'taqsam it-trażmissjoni. Iżda, id-*data* tal-bidu għandha issa titressaq għall-1995, minħabba d-disponibbiltà tad-*data* għas-snin qabel l-1995. Iżda, din il-bidla m'għandhiex tipprevjeni lill-dawk il-BĊNi li għandhom *data* għas-snin qabel l-1995 milli jirrapportawhom fuq bażi volontarja.
- (4) Bis-saħħa ta' l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/495/KE tal-11 ta' Lulju 2006 skond l-Artikolu 122(2) tat-Trattat fuq l-adozzjoni mis-Slovenja tal-valuta waħda fl-1 ta' Jannar 2007², id-

¹ ĠU L 109, 29.4.2005, p. 81. Il-linja ta' Gwida kif emendata mil-Linja ta' Gwida BĊE/2006/2 (ĠU L 40, 11.2.2006, p. 32).

² ĠU L 195, 15.7.2006, p. 25.

deroga favur is-Slovenja msemija fl-Artikolu 4 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003³ hija mħassra b'effett mill-1 ta' Jannar 2007.

- (5) Skond l-Artikolu 3.5 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Gvernatur tal-Banka Slovenije ġie mistieden jattendi l-laqgħa tal-Kunsill Governattivi li adotta din il-Linja ta' Gwida,

ADOTTA DIN IL-LINJA TA' GWIDA:

Artikolu 1

Il-Linja ta' Gwida BĊE/2005/5 hija emendata kif ġej:

1. L-Artikolu 2(2) jiġi ssostitwit b'li ġej:
 - '2. Id-*data* għandhom ikopru l-perijodu mill-1995 sas-sena li magħha għandha x'taqsam it-trażmssjoni (sena t-1).'
2. L-Anness IV jiġi ssostitwit bl-Anness ma' din il-Linja ta' Gwida.

Artikolu 2

Din il-Linja ta' Gwida għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2007.

Artikolu 3

Din il-Linja ta' Gwida hija indirizzata lill-BĊNi ta' l-Istati Membri li adottaw l-euro.

Magħmula fi Frankfurt am Main, it-18 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kunsill Governattivi ta' BĊE

Il-President tal-BĊE
Jean-Claude TRICHET

³ ĠU L 236, 23.9.2003, p. 33.

DEROGI DWAR IS-SERJE TAL-ĦIN ELENKATI FL-ANNESS I,**TABELLI 1A SA 3B**

Tabella/ringiela	Deskrizzjoni tas-serje tal-ħin	L-ewwel data tat-trażmissjoni	
IL-ĠERMANJA			
2A.30	Żamma ta' kambju barrani gwadanji u telf	Ottubru 2008	
3A.13,14	Djun ta' dawk mhux residenti, tqassim		
3A.23,25	Dejn, tqassim skond il-maturità reżidwa ta' liema rata ta' imgħax varjabbli		
IL-GREĊJA			
3A.13,14	Djun ta' dawk mhux residenti, tqassim	Ottubru 2008	
3A.20	Dejn fit-tul ta' liema rata ta' imgħax varjabbli		
3A.21,22,23,24,25	Dejn, tqassim skond il-maturità reżidwa		
FRANZA			
3A.13,14	Djun ta' dawk mhux residenti, tqassim	Ottubru 2008	
L-IRLANDA			
3A.13,14	Djun ta' dawk mhux residenti, tqassim	Ottubru 2008	
3A.31	Kupuni tal-bonds b'dejn zero		
L-ITALJA			
3A.13,14	Djun ta' dawk mhux residenti, tqassim	Ottubru 2008	
IL-LUSSEMBURGU⁴			
2A.2	Aġġustament bejn kontijiet finanzjarji u m'humiex	Ottubru 2008	
2A.3	Tranżazzjonijiet netti fl-attiv u fil-passiv finanzjarji		
2A.11,12	Tranżazzjonijiet f'ishma u valur proprjetarju ieħor, tqassim		
2A.7,19	Tranżazzjonijiet fl-attiv u fil-passiv finanzjarji minn liema tranżazzjonijiet f'derivati finanzjarji		
2A.13,22	Tranżazzjonijiet fl-attiv u fil-passiv finanzjarji oħrajn		
2A.29,30,31	Effetti ta' valutazzjoni fuq id-debitu u tqassim		
2A.32	Tibdil ieħor fil-volum tad-dejn		
3A.12, 13, 14	Djun ta' dawk mhux residenti, tqassim		
3A.21,22,23,24,25	Dejn, tqassim skond il-maturità reżidwa		
3A.30	Maturità residwa medja ta' dejn		
L-OLANDA			
3A.13,14	Djun ta' dawk mhux residenti, tqassim		Ottubru 2008

⁴ Għall-paragrafi 2A.2, 3, 7, 13, 19, 22 id-deroga tapplika biss għad-*data* mitluba għall-perijodu mill-1995 sa l-1998.

L-AWSTRIJA

2A.10,11,12	Tranżazzjonijiet f'ishma u valur proprjetarju ieħor	Ottubru 2008
2A.25,26,27	Tranżazzjonijiet f'istrumenti ta' dejn, tqassim skond il-valuta li fiha huma ddenominati	
2A.29,30,31	Effetti ta' valutazzjoni fuq id-dejn u tqassim	
2A.32	Tibdil ieħor fil-volum ta' dejn	
3A.13,14	Djun ta' dawk mhux residenti, tqassim	
3A.15,16,17	Dejn, tqassim skond il-valuta li fih huwa ddenominat	
3A.20	Dejn fit-tul ta' liema rata ta' imgħax varjabbli	
3A.21,22,23,24,25	Dejn, tqassim skond il-maturità residwa	
3A.30	Maturità reżidwa medja ta' dejn	
3A.31	Kupuni tal-bonds b'dejn zero	

IS-SLOVENJA⁵

1A.2, 3, 4, 5	Defiċit skond is-subsettori	Ottubru 2008
2A.10,11,12	Tranżazzjonijiet f'ishma u valur proprjetarju ieħor, tqassim	
2A.24	Tranżazzjonijiet f'istrumenti ta' dejn fit-tul	
2A.25,26,27	Tranżazzjonijiet f'istrumenti ta' dejn, tqassim skond il-valuta li fiha huma ddenominati	
2A.29,30,31	Effetti ta' valutazzjoni fuq id-dejn u tqassim	
2A.32	Tibdil ieħor fil-volum ta' dejn	
3A.13,14	Djun ta' dawk mhux residenti, tqassim	
3A.20	Dejn fit-tul ta' liema rata ta' imgħax varjabbli	
3A.30	Maturità reżidwa medja ta' dejn	
3A.31	Kupuni tal-bonds b'dejn zero	

⁵ Is-Slovenja għandha deroga għad-*data* kollha mitluba fit-Tabelli 2A, 2B, 3A u 3B ta' l-Anness I għal-perijodu mill-1995 sa l-1998. Għall-paragrafi 1A.2, 3, 4, 5 id-deroga tapplika biss għad-*data* mitluba għall-perijodu mill-1995 sa l-1998. Għall-paragrafi 2A.10,11,12,24 id-deroga tapplika biss għad-*data* mitluba għall-1999.